MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 84/2014

**Brian Construction Ltd (C-34492)**

**VS**

**Martino Solito f'ismu personali**

**(passaport Taljan numru AS0038727)**

**U**

**Martino Solito Restauratore S.r. l**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tad-29 ta'Jannar 2014 li jaqra hekk:

1. *"Premess illi l-konvenuti qabbdu lis-socjeta esponenti sabiex taghmel xogholijet ta' kostruzzjoni u xoghol iehor relatat ma din is-sengha gewwa l-Birgu matul is-snin 2012 u 2013, minn liema xoghol is-socjeta attrici thallset depositu akkont ta' hamsa u tmenin elf Ewro (€85,000);*

2. *Premess illi s-socjeta attrici lestiet x-xoghol kollu li giet inkarigata taghmel u ilha x-xhur tipprova taghmel kuntatt mal-konvenuti sabiex isir l-kejl kollu tax-xoghol li sar u b'hekk ikun jista' jinhareg il-kont finali;*

3. *Premess illi ghad li saru diversi interpellanzi dwar dan kollu, il-konvenuti ghadhom ma resqux sabiex dan isir;*

4. *Premess illi s-socjeta attrici trid tithallas tax-xoghol li giet imqabbda taghmel mill-konvenuti meta hi taf li l-konvenuti thallsu mill-Awtorita' Maltija (MRRA) li ordnat dawn ix-xogholijiet.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara lilhom, jew min minnhom, debitrici tas-socjeta esponenti u dan versu s-somma hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tal-perizja apposita u dan ghal xoghlijiet ta' kostruzzjoni u xoghol iehor relatat ma din is-sengha liema xoghlijiet saru mis-socjeta esponenti fuq inkarigu tal-konvenuti.*

*2. Tikkundanhom jhallsu lis-socjeta esponenti s-somma hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez kollha flimkien ma' l-imghax skond il-ligi fuq is-sorte kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet tat-3 ta'Novembru 2014 li bih innominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri;

Rat id-decizjoni taghha tat-3 ta'Novembru 2014;

Rat il-verbal tat-22 ta'Jannar 2015 fejn l-intimat u s-socjeta' intimata gew iddikjarati kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Hamis 22 ta'Jannar 2015, li bih akkordat lill-intimati terminu ta' ghaxart ijiem sabiex jressqu s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimati baqghu inadempjenti;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Brian Lia f'isem Brian Construction Ltd tal-5 ta'Frar 2015 (a fol. 97 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tad-Direttur tas-socjeta' attrici Brian Lia, jirrizulta li l-intimat Solito li kien rebah *tender* tal-Gvern Malti ghax-xogholijiet li kellhom isiru gewwa l-Birgu. Sostna li huwa kien dahal f'kuntratt mal-intimat sabiex jghinu jwettaq ix-xogholijiet illi Solito kien marbut illi jwettaq skond it-*tender* tal-Gvern. Dan ix-xoghol kien jinkludi, xoghol ta' skavar u xoghol ta' gebel u tibdil ta' gebel antik. Wara ftit illi s-socjeta' attrici bdiet twettaq dan ix-xoghol, l-intimat informah li ma kellux aktar flus biex jixtri l-materjal neccessarju jew li jhallas lil haddiema. Brian Lia xehed a fol. 10 et seq. illi kien hawn illi huwa kien kostrett li jkompli x-xogholijiet sal-finalita' tieghu ghaliex altrimenti l-intimat Solito ma kienx jithallas mill-Gvern Malti, u konsegwentement lanqas ma kienet tithallas is-socjeta' attrici. Fs-sena 2012 u 2013 l-intimat ghamel zewg pagamenti akkont ghal ammont ta' €92,644 waqt illi s-socjeta' attrici iffinalizzat ix-xoghol kollu illi kellha taghmel. Il-Periti tal-Gvern Malti informawh li kif jigi certifikat ix-xoghol, Solito kellu jithallas l-bilanc dovut. Brian Lia xhed illi huwa stenna illi l-intimat izomm kellmtu u jhallsu, talbu biex ihejju laqgha ghal dan il-ghan, izda f'daqqa wahda ***"kemm hu kif ukoll il-project manager tieghu, certu Bruno Pasinetti sparixxew."***- Vide fol. 10.

Minkejja l-attentati tieghu biex jigu saldati l-pagamenti, dan ma sarx u ghalhekk s-socjeta' attrici inkarigat lil Perit taghha sabiex ikejjel u johrog il-prezzijiet tax-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' attrici. Brian Lia xhed illi huwa kien hallas ghal materjal kollu li kien intuza fuq

il-progett u hallas is-salarji kollha tal-haddiema tieghu. Brian Lia xhed illi huwa ghadu ma thallasx ghax-xoghol li kien ghamel u sahhansitra Solito kien biddel in-numru tal-*mobile phone* tieghu. Huwa stqarr li sar jaf illi l-Gvern kellu jhallas l-ahhar pagament lil Solito u ghaldaqstant talab ghal-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fuq il-flus depozitati mill-Gvern, ghalkemm l-ammont kien ferm anqas minn dak dak dovut lilu.

Huwa ezebixxa Dok. BCL2 illi huwa *breakdown* tax-xogholijiet kollha li wettaq li jammontaw ghal €100,151.76.

Il-Qorti rat illi l-intimati gew notifikati skond il-ligi.

Il-Qorti rat id-decizjoni taghha tat-3 ta' Novembru 2014 illi permezz tieghu l-intimat u s-socjeta' intimata nghataw terminu t'ghoxrin gurnata sabiex jipprezentaw r-risposta guramentata.

Il-Qorti di piu rat in-nota tal-Avukat difensur tal-intimati tal-31 t'Ottubru 2014 illi permezz taghha l-Avukat difensur indikat irrinunzja ghal patroncinju tal-konvenuti – vide fol. 79.

Illi minkejja s-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Micahel Camilleri fil-5 ta' Dicembru 2014, fis-7 ta' Jannar 2015 l-intimati naqqsu milli jidhru.

Illi din il-Qorti, permezz tad-digriet tat-22 ta' Jannar 2015 akkordat lill-intimati, in vista tal-kontumacja taghhom, zmien ragjonevoli sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom. Eppure Martino Solito u Martino Solito Restauratore S.r.l. baqghu inadempjenti.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti wara li ezaminat l-affidavit ta' Brian Lia, Direttur tas-socjeta attrici, u wara li ezaminat Dok.BCL2 minn fol. 2 sa 20, taghraf illi s-socjeta' attrici pprovat sodisfacentement it-talbiet minnha intavolati.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat u s-socjeta' intimata huma debitrici tas-socjeta' rikorrenti u dan versu s-somma ta' mitt elf mija u wiehed u hamsin Ewro u sitta sebghin centezmi (€100,151.76) kif likwidata minn din l-Qorti

u dan ghal xogholijiet ta ' kostruzzjoni u xoghol iehor relatat, liema xoghlijiet saru mis-socjeta’ rikorrenti fuq inkarigu tal-intimati, u tikkundanna l-intimat u s-socjeta’ intimata jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma hekk likwidata ta’ mitt elf mija u wiehed u hamsin Ewro u sitta sebghin centezmi (€100,151.76).

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-intimat u s-socjeta’ intimata.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------